KAPITOLU 01

# Introduzzjoni

01

SOMMARJU

**01. Jippreżenta l-mandat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet.**

**02. Jippreżenta kif hu kompost il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet.**

**03. Jippreżenta l-metodoloġija li ġiet użata mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet.**



## 01.1 Il-Mandat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet

Fl-1 ta' Ġunju 2004 il-Prim Ministru ħatar Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet (PWG) b'dan il-mandat:

(i) Biex jirrevedi x-xogħol kollu mwettaq minn amministrazzjonijiet suċċessivi dwar ir-riforma tal-pensjonijiet.

(ii) Biex jirrevedi x-xejriet internazzjonali fuq kwistjonijiet u soluzzjonijiet mogħtija għar-riforma tal-pensjonijiet.

(iii) Biex jidentifika l-isfidi li n-Nazzjon qed jiffaċja biex jiżgura li jkun hemm sistema tal-pensjonijiet li tkun kemm adegwata kif ukoll sostenibbli.

(iv) Biex jirrevedi s-sistema tal-pensjonijiet preżenti fil-kwadru ta' pensjonijiet ta' l-irtirar, iżda esklużi pensjonijiet li jaqgħu f'sistemi ta' pensjonijiet *ad hoc* marbutin mat-tip ta' xogħol bħal ma huma Pensjonijiet tas-Servizzi, il-Forzi Armati ta' Malta, etċ.

(v) Biex jissottometti proposti u rakkomandazzjonijiet biex jiġu kkunsidrati mill-Gvern għal sistema tal-pensjonijiet li tassigura adegwatezza u sostenibbilità għall-ġenerazzjonijiet futuri.

(vi) Biex iwettaq simulazzjonijiet u mudelli xierqa skond ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati f'(v).

## 01.2 Kif hu kompost il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet

Il-PWG kien kompost kif ġej:

President
David Spiteri Gingell
Manager
*Unit* ta' Appoġġ għall-Kumitati tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Prim Ministru

Membri
Joe Ebejer
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Affarijiet tal-Familja u Solidarjetà Soċjali

Edward Gatt
Direttur Ġenerali
Ministeru ta' l-Affarijiet tal-Familja u Solidarjetà Soċjali

Leonard Callus
Policy Co-ordinator
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Fit-twettiq tax-xogħol tiegħu, il-PWG kien assistit mill-organizzazzjonijiet li ġejjin:

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali
L-Awtorita ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji
L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika
Il-Management Efficiency Unit
Il-Bank Dinji.

# 01.3 Il-Metodoloġija użata mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet

Fil-preparazzjoni tar-Rapport il-PWG applika l-metodoloġija li ġejja.

L-ewwel, wettaq konsultazzjonijiet u diskussjonijiet ma' diversi persuni fi ħdan il-Gvern. Il-persuni li ġew ikkonsultati jidhru fl-**Appendiċi I**.

It-tieni, irreveda r-rapporti mħejjija mill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) u r-Rapport tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar ir-Riforma tal-*Welfare* (NCWR) u l-kummenti sottomessi liż-żewġ korpi mid-diversi Imsieħba Soċjali. Irreveda ukoll rapporti internazzjonali dwar ir-riforma tal-pensjonijiet. Id-dokumentazzjoni li saret reviżjoni tagħha tidher fl-**Appendiċi XI**.

It-tielet, fl-iddisinjar tar-rakkomandazzjonijiet għas-sistema tal-pensjonijiet, il-PWG kien iggwidat mill-Valuri stabbiliti għar-riforma tal-pensjonijiet u li kien ġie introdott mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Göthenburg (2001). Is-Sistema tal-Valuri hi intiża li tindirizza:

*"... l-evoluzzjoni futura tal-Ħarsien Soċjali minn perspettiva fit-tul, waqt li tagħti attenzjoni partikolari lis-sostenibbilità tas-sistemi tal-pensjonijiet... biex is-sistemi tal-pensjonijiet ikunu jistgħu jilħqu l-miri soċjali tagħhom, jiġifieri biex jipprovdu dħul adegwat u ġust lil persuni anzjani u biex jipprevjenu l-faqar fix-xjuħija".*[1]

L-elementi kardinali tas-Sistema tal-Valuri, li huma ppreżentati fl-**Appendiċi III**, huma:

(a) li tintlaħaq adegwatezza fil-pensjonijiet biex tiżgura li persuni anzjani ma jitqiegħedux f'sitwazzjoni ta' riskju ta' faqar u li jgawdu minn livell ta' għixien deċenti;
(b) jippromwovi s-solidarjetà bejn u fi ħdan il-ġenerazzjonijiet;
(ċ) jiżgura s-sostenibbilità finanzjarja tas-sistemi tal-pensjonijiet; u
(d) jimmodernizza s-sistema tal-pensjonijiet b'risposta għall-ħtiġiet, li jinbidlu, ta' l-ekonomija, tas-soċjetà u ta' l-individwi.

Ir-raba', il-PWG talab lill-Management Efficiency Unit biex iwettaq Valutazzjoni ta' l-Impatt Soċjali fuq ir-Rapport ippreżentat lill-Gvern.

Il-ħames, il-PWG ħadem mill-viċin mal-Bank Dinji biex jiddiskuti l-konklużjonijiet li wasal għalihom fir-Rapport tiegħu ta' Marzu 2004. Ir-rapport tal-Bank Dinji u l-mudelli ekonometriċi simulati fit-tħejjija tiegħu jikkostitwixxu l-linja bażi li magħha huma paragunati l-proposti f'dan ir-Rapport. Wieħed għandu jinnota li l-PWG ikkomplementa dan l-istudju bit-twettieq ta' diversi mudelli u simulazzjonijiet li kienu ukoll twettqu flimkien mal-Bank Dinji biex wieħed jara l-projezzjonijiet ta' l-obbligi finanzjarji li joħorġu mill-għażliet kkunsidrati u mir-rakkomandazzjonijiet magħmula. L-**Appendiċi IV** jippreżenta l-mudell ekonometriku simulat fuq il-PROST.

Is-sitta, il-PWG ppreżenta r-Rapport tiegħu lill-Assojazzjoni Internazzjonali dwar is-Sigurtà Soċjali (ISSA) ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol.

Fil-preżentazzjoni tal-proposti tiegħu, il-PWG irrakkomanda kemm rakkomandazzjonijiet speċifiċi, fejn dan kien possibbli, kif ukoll prinċipji li imbagħad għandhom jiggwidaw id-disinn ta' l-istrumenti politiċi meħtiega.

# 01.4 Rikonoxximenti

Il-PWG jirringrazzja l-persuni u l-organizzazzjonijiet kollha li tawh assistenza permezz ta' l-għoti ta' informazzjoni, id-diskussjoni ta' kwistjonijiet, u studji speċifiċi mwettqa f'ismu. Il-konklużjonijiet tar-Rapport, madankollu, huma l-opinjonijiet tal-PWG.

1 Pġ 10, Rapport Konġunt tal-Kummissjoni u l-Kunsill dwar Pensjonijiet Adegwati u Sostenibbli, ECOFIN 76, SOC 115, 7165/03, 10 ta' Marzu 2003, Brussel